# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tnejn, 12 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Numru 918/18 TA**

**Fl-Atti tal-Kawza Nru 105/2011 u wara l-mandat ta' sekwestru numru 1282/2018 fl-ismijiet:-**

**L & M Camilleri Limited (C3590)**

**vs**

**Panor Limited (C27001)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ta' Panor Ltd bid-dokumenti annessi tal-14 ta' Settembru 2018;

Rat id-Digriet taghha tas-26 ta' Settembru 2018;

Rat ir-Risposta guramentata ta' L & M Camilleri Ltd tat-8 ta' Ottubru 2018;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-verbal tat-23 ta' Ottubru 2018 u ghalhekk hadet konjizzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1282/2018 u tal-atti kollha konnessi mieghu;

Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet jitrattaw ir-rikors fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2018, f'liema seduta l-istess rikors thalla ghal digriet *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Is-Socjeta' Panor Limited, is-Socjeta' Rikorrenti f'dawn il-proceduri, principalment telenka zewg argumenti 'l ghala l-Mandat ta' Sekwestru mertu tar-rikors odjern, ghandu jkun revokat u mhassar.

L-ewwel raguni tirrigwardja l-fatt, li diga` kien hemm digriet ta' revoka fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru iehor bin-numru 417/2011, liema mandat gie pero` irtirat mis-Socjeta` intimata (a` fol 9). (Ai fini ta' kjarifika, din il-Qorti tattira l-attenzjoni, wara li spigolat l-atti tar-rikors odjern, li n-numru tal-Mandat ta' Sekwestru inkwistjoni huwa dak ta' 86/11 u mhux dak dak ta' 417/2011. Dan tal-ahhar kien in-numru tal-kontromandat). Skont is-Socjeta` Rikorrenti, dan gie irtirat propju ghaliex is-Socjeta` intimata u cioe` L & M Camilleri Ltd, riedet komodament teludi l-ordni ta' garanzija pekunjarja li mponitilha l-Qorti (ara digriet tal-Qorti a` fol 8). Illi ghalhekk dan jammonta ghall-abbuz ta' procedura u li jekk ma tridx, bil-mandat

odjern issa qed titlob li jkun ikkawtelat valur li huwa d-doppju ta' dak li kien indikat fil-Mandat ta' Sekwestru precedenti.

It-tieni raguni tirreferi ghad-Decizjoni tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' April 2017 bejn il-partijiet f'dawn il-proceduri u Dr. Neville Montanaro Gauci, wiehed mill-propjetarji ta' appartament fil-binja ta' appartamenti fejn hemm l-arja mertu tal-vertenza bejn il-partijiet. Is-Socjeta` Rikorrenti targumenta li dik il-Qorti, ma kkundannatx lis-Socjeta` intimata thallas xi danni (ara Sentenza a` fol 12). Dan ifisser li fid-dawl tas-Sentenza inkwistjoni, sa fejn jirrigwarda d-danni, is-Socjeta` intimata ma tistax issa tippretendi d-danni minghand is-Socjeta` Rikorrenti fil-kawza numru 105/11, li fl-atti taghha qed isiru l-proceduri tar-rikors odjern. Dan ifisser li fic-cirkostanzi ghandu jopera l-principju ta' *res judicata*.

Qabel xejn irid jigi rilevat, li fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (**Ara P.A. RCP 7 ta' Frar 2001 fl-ismijiet "Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd.").** Il-jedd *prima facie* jrid ikun jedd, anke jekk *prima facie,* li jimmerita harsien. Aktar minn hekk, mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta`, disagju jew thassib (Ara **Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et – Qorti tal-Kummerc – 26 ta' Mejju 1995 (Kollez.Vol. LXXIX.iv.1378)**).

Dak li trid tasal ghalih il-Qorti f’dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami formali ta’ l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha biss tistharreg jekk jesistux ir-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat. Dawn jemergu mill-att innifsu. Il-Qorti ghandha ukoll tezamina li dan ma nharigx b’mod abbuziv. (Ara **Kumm. GMA 23 ta’ Gunju 1994: “Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et**”). Dan ifisser ukoll, illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t’ghajn li l-ezekutant ghandux dritt xi jhares.

F'dan ir-rigward il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b’leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa, dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. (“**Vincent Mercieca vs George Galea**” – **P.A. (RCP) 29 ta’ Novembru 2001; “Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited” - P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2007**). Huwa fid-dawl ta’ dawn l-insenjamenti, li l-Qorti ser tqies il-fatti li ghandha quddiemha.

Huwa minnu li s-Socjeta` intimata setghet, kieku riedet, zammet fis-sehh il-Mandat ta’ Sekwestru bin-numru 86/11 billi ghaddiet biex taghti l-garanzija hemm imsemmija li mponitilha l-Qorti fid-digriet tal-25 ta' Frar

2011. B'dana kollu ghazlet li titlob ir-revoka tal-mandat ghar-ragunijiet li spjegat fir-risposta taghha ghar-rikors odjern.

Il-Qorti tibda biex tosserva, li ma hemm ebda provvediment espress fil-ligi li jipprekludi aprijoristikament lis-Socjeta’ intimata milli terga’ titlob il-hrug ta’ dan il-mandat. Fejn il-ligi riedet espressament tipprojbixxi r-riproponiment ta' att jew skrittura qalitu espressament, bhal ma huwa fost artikli ohrajn, l-artiklu 907(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-projbizzjoni tal-presentati ta' skritturi, kemm jekk hija komminata aprijoristikament mil-ligi u kemm jekk frott ta' diskrezzjoni imhollija f'idejn il-Qorti, ghandha dejjem tkun eccezzjoni ghar-regola generali, li kulhadd ghandu dritt li jinizja azzjoni u li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu skont il-ligi. Jekk dak id-dritt jigix abbuzat jew ezercitat b'mod vessatorju huwa argument iehor. Argument li jista' jaghti lok ghal danni, penalitajiet u kapi tal-ispejjes fl-ahhar ta' kull gudizzju. Propju ghalhekk l-esistenza tal-artiklu 836(9) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-argument tas-Socjeta` Rikorrenti, li l-hrug tal-mandat odjern jammonta ghall-abbuz ta' proceduri kien ikun ta' validita`, kieku s-Socjeta` intimata talbet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru iehor fi zmien relattivament qasir, wara li cediet iehor u meta ma kienux ghadhom sehhew it-tibdiliet fic-cirkostanzi li ser jissemmew aktar 'l isfel.

Il-Qorti tosserva, li f’dak il-mandat, il-Qorti kienet iddikjarat li fic-cirkostanzi prevalenti ta’ **dak iz-zmien**, is-Socjeta` intimata diga` kellha

prima facie dritt li tikkawtela l-interessi taghha u dan meta ma kienx ghad hemm is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija. Din is-Sentenza inghatat ben hdax-il sena wara l-ewwel mandat, b’mod li zgur ma jistax jinghad li ma kienx hemm bdil fic-cirkostanzi bejn il-partijiet fil-kawza propja. Ghalkemm f’dik is-Sentenza tassew ma nghatawx danni, jibqa’ il-fatt, sa fejn jirrigwarda l-pretensjoni tal-imsemmi Neville Montanaro Gauci, dan inghata ragun fil-ligi, tant li l-partijiet f’din il-kawza, u allura Panor Ltd ukoll, gew ordnati jirripristinaw il-bejt inkwistjoni ghall-istat li kien fih, qabel ma saru x-xogholijiet. Di fatti l-Appell imsemmi sar mis-Socjeta` Rikorrenti, kjamata in kawza f'dawk il-proceduri. Konsegwentement u logikament isegwi, li ai fini ta' dawn il-proceduri, l-element tal-*prima facie* gie sodisfatt. Kif dan il-kambjament ser jeffettwa l-mertu tal-Kawza propja hija konsiderazzjoni li trid issir mill-Qorti fil-Kawza propja u mhux f'dawn il-proceduri.

Is-Socjeta` rikorrenti targumenta li galadarba ma gewx likwidati danni fid-Decizjoni tal-Qorti tal-Appell isegwi li ma jistghux jintalbu danni mis-Socjeta` Konvenuta fil-kawza propja. Il-Qorti fehmet, li galadarba s-Socjeta` intimata hasset li kellha thallas lil Neville Montanaro Gauci cionostante ma kienx hemm kundanna ta' danni, dik hija kwistjoni taghha u ma tirrigwardax lis-Socjeta` Rikorrenti. Izda din il-Qorti thoss, li ai fini tar-rikors odjern, ma hux il-kaz li trid toqghod tezamina jekk is-Socjeta` intimata kellhiex thallas, jew jekk dak l-ammont kienx gust fic-cirkostanzi. Dawn kienu zviluppi li sehhew fil-mori tal-Kawza propja bil-

konsegwenzi li gabet maghha s-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija bejn il-partijiet fil-kawza propja. Ghal darba ohra, huwa punt li ghad irid ikun ezaminat fil-Kawza propja.

L-istess jista' jinghad ghal dak li qed tissottometti s-Socjeta` Rikorrenti inkwantu jirrigwarda l-principju tar-res judicata. Dan huwa principju li jrid ikun investit mill-Qorti fil-kawza propja u mhux fl-istadju ta' dawn il-proceduri. Il-principju tar-res judicata u kif ukoll dak dwar l-esistenza o meno ta' servitujiet gravanti l-arja mertu tal-Kawza propja. Dawn huma kollha vertenzi ta' natura legali li l-approfondiment taghhom huwa riservat ghall-Qorti li tkun giet adita biex tisma’ l-kawza. Dikjarazzjonijiet dwar l-applikabbilta` o meno ta’ dawn il-principji f’dan l-istadju, jistghu iservu biss ta' pregudizzju ghall-parti jew ohra fil-kawza propja.

Kwantu ghal dak li jirrigwarda l-valur li qed ikun ikkawtelat bil-mandat mertu ta’ dawn il-proceduri, il-Qorti taqbel li fic-cirkostanzi dan huwa eccessiv. Ir-rapport tal-Perit David P. Pace (Dok A1 mal-mandat) jindika, li bhala danni konkretament ravisabbli fil-mument, liema danni ghadhom biss pretensjonijiet, l-ammont huwa dak ta’ mija, tmienja u sebghin elf ewro (€178,000) cirka. Ghalhekk il-Qorti thoss li f’dan ir-rigward is-Socjeta` Rikorrenti ghandha ragun. Kwantu ghall-minacci minn terzi li ser jaghmlu kawza lis-Socjeta` intimata, il-Qorti thoss li galadarba dawn ghadhom ma immaterjalizzawx f’azzjoni konkreta, ai fini tal-mandat odjern, ma jistghux jittiehdu inkonsiderazzjoni salv

dejjem kull dritt li jista' jkollha s-Socjeta` intimata jekk dawn jimmaterjalizzaw.

Il-Qorti thoss, li fic-cirkostanzi ma jirrikorrux l-estremi tal-ligi biex jigu applikati l-penali li qed jintalbu fit-tieni talba rikorrenti. Dwar il-garanzija mitluba l-Qorti hasbet fit-tul. Wara li ezaminat akkuratament l-Atti u b'mod partikolari d-dokumenti esebiti, il-Qorti thoss li din it-talba ghandha tintlaqa'.

**Provvediment**

Ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeghdha tipprovdi dwar ir-rikors odjern bil-mod segwenti:

**Tilqa’ limitatament l-ewwel talba** fit-termini biss, ta' dak li jipprovdi l-artiklu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens, li l-ammont kawtelat bil-Mandat ta' Sekwestru numru 1282/2018 fl-ismijiet L & M Camilleri Ltd - vs- Panor Limited huwa eccessiv u tordna ghalhekk li jigi ridott u mnaqqas ghall-mija u tmienja u sebghin elf ewro (€178,000).

**Tichad it-tieni talba.**

**Tilqa' it-tielet talba** u tordna li sabiex il-mandat odjern jibqa' fis-sehh, is-Socjeta` Rikorrenti ghandha fi zmien xahrejn mil-lum taghti garanzija bankarja fl-ammont ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) jew tqieghed f'idejn ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili dan l-ammont, permezz ta'

cedola ta' depositu, biex jaghmel tajjeb ghad-danni li tista' iggarrab is-Socjeta' Sekwestrata, jekk ikun il-kaz, skont l-esitu tal-Kawza fil-mertu.

Spejjes ta' dawn il-proceduri jibqghu riservati skont l-ezitu tal-kawza fuq il-mertu.

**Moghti kameralment illum, 12 ta’ Novembru, 2018.**

**Imhallef Toni Abela**